MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 59/2004

Avviz Nru 59/04DM

Maltacom plc

Vs

Hassan Khaled

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf, sitt mija, wiehed u sittin lira Maltin  u tlieta u sebghin centezmu (Lm1661,73) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 2132 4027, 2138 4002 u 2133 0422 (skond kif jirrizulta mill-anness mall-avviz ‘statement’ Dok A) u skond ma kif jidher mill-annessi mall-avviz kopji ta’ ‘agreements’ immarkati Dok B, C u D.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra interpellatorja datata 24 ta' Settembru, 2003 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghat il-provi prodotti mill-kumpanija attrici u rat id-dokumenti minnhom esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qedgha ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, sitt mija, wiehed u sittin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1661.73) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-30 ta' Jannar, 2004 u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------